MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 834/2007

**John Baptist Zammit u**
**Anton Debono**
**-vs-**
**Avukat Dr. Anthony Cutajar LLD**
**u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer**
**nominati b'digriet tas-17 ta' Awwissu, 2007**
**bhala Kuraturi Deputati biex jirraprezentw**
**lill-assenti Agmad Anewn Elnily u lil Rita Elnily**

**Il-Qorti**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremettew:**

1. Illi circa sena ilu r-rikorrenti konguntivament bieghu u kkonsenjaw lil Agmad Anwen Elnily merkanzija ghas-somma ta' tmint elef lira Maltin (Lm8,000);

2. Illi r-rikorrenti talbu b'ittra ufficcjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta lill-intimati sabiex ihallsu s-somma ta' tmint elef lira Maltin (Lm8,000) izda dawn baqghu nadempjenti peress li dawn harbu minn Malta u ghalhekk ma setghux jigu notifikati;

3. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

Raguni ghat-talbiet f'dawn il-proceduri:

1. Illi r-rikorrenti ftehmu ma' l-intimat fuq il-bejgh ta' merkanzija specifika ghal somma determinata ta' tmint elef lira Maltin (Lm8,000) u dan skond ma jitlob l-Artikolu 1346 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-kostituzzjoni ta' kuntratt semplici ta' bejgh. Skond l-Artikolu 1433 il-hlas ghal din il-merkanzija kellu jsir mall-kunsinna taghha u dan peress li l-partijiet ma ftehmux fuq zmien u lok ghall-hlas tal-prezz;

2. Illi r-rikorrenti jhossu li ma hemm ebda bazi ta' difiza da parti ta' l-intimati u ghalhekk qed jitolbu s-smigh ta' dawn il-proceduri bid-dispensa tas-smigh ta' l-intimati u dan ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi ghalkemm interpellati l-intimati baqghu nadempjenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati huma d-debituri tar-rikorrenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti mill-Ligi u dan bid-dispensa tas-smigh ta' l-intimati ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta' tmint elef lira Maltin (Lm8,000) {*li b'digriet tat-28 t'April 2008 gew sostitwiti b'disa' t'elef hames mija u sbatax il-lira Maltin (Lm9,517)*} flimkien ma' l-interessi legali li ddekorrew mid-data tal-kunsinna tal-merkanzija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti kuraturi ntimati a fol. 65 tal-process fejn wiegbu li:**

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mall-assenti minnhom rapprezentat, u f'dan ir-rigward, l-esponenti, jitolbu mill-gdid lir-rikorrenti sabiex, jekk ghandhom, jipprovdulhom kull indirizz ta' l-assenti minnhom rapprezentat u/jew numru tat-telephone tal-istess u dan sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw maghhom.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat ir-risposta guramentata ta' Rita Elnily a fol. 27 fejn wiegbet li:**

1. Illi preliminarjament ghandha ssir korrezzjoni f'kunjom l-intimata jekk l-intimata hija l-persuna li r-rikorrenti riedu jharrku;

2. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza stante *inter alia* li r-rikorrenti kienet imsiefra meta sar l-allegat bejgh u kunsinna u qatt ma kienet involuta f'xi negozju mar-rikorrenti;

3. Illi qatt ma ezistiet xi relazzjoni guridika bejn l-intimata u r-rikorrenti u ghalhekk l-intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi l-intimata u zewgha ilhom separati *de facto* iktar minn sena u kull gestjoni ta' kull tip ta' negozju kien dejjem amministrat mill-intimat assenti kif ukoll kull qliegh kien dejjem percepit minnu;

5. Illi d-djun maghmula mill-intimat assenti fil-gestjoni tan-negozju huma a kariku tal-intimat ragel;

6. Illi l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili ivesti l-amministrazzjoni tal-atti normali ta' gestjoni ta' kummerc f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dan il-kummerc u ghalhekk, l-intimata mara mhijiex responsabbli ghall-allegat dejn gjaladarba hija m'ezercitatx kummerc;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.
Semghet ix-xhieda bil-gurament.

<u>Korrezzjonijiet</u>

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimata Rita Elnily rigwardanti kunjomha u kunjom zewgha, il-Qorti ordnat li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni. Saret ukoll korrezzjoni dwar l-ammont li qed jintalab fic-citazzjoni mir-rikorrenti.

**Fatti**

Ir-rikorrent Anton Debono kien dahal fi ftehim ma' l-intimat li jixtru airtime fuq it-televison bi shab ghat-teleshopping. Huma kienu jmorru ghand l-agenti ghall-kampjuni, jirreklamawhom waqt il-programm imbaghad jixtru l-prodotti skond id-domanda li jkollhom. Ir-rikorrenti l-iehor John Baptist Zammit kien importatur partime ta' oggetti bhal *home appliances* u *Hi-Fi* u l-intimat kien wiehed li jaghmillu ordnijiet kbar biex imbaghad jinbieghu fuq programm tat-teleshopping. Wara xi zmien in-negozju ma baqax sejjer tajjeb u l-intimat harab minn Malta u halla d-dejn li qed jigi riklamat mir-rikorrenti.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi t-talba tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat Agmad Anewn Elnily bl-ebda mod ma giet kontestata. Illi ghalhekk l-ammont mitlub fic-citazzjoni fil-konfront ta' l-istess intimat Agmad Anewn Elnily ghandha tigi milqugha.

Fil-konfront ta’ l-intimata Rita Elnily, din qed tikkontesta t-talba tar-rikorrenti u qed tghid li hi ghaddejja minn proceduri ta’ separazzjoni mir-ragel li ilu sentejn li telaq minn Malta u ma regax gie lura. Tghid li zewgha kien ghamel negozju mar-rikorrenti izda hija qatt ma kienet involuta f’dan in-negozju u kienet biss tghin lill-zewgha. Dan qatt ma kien qalilha li kellu jaghti xi flus lir-rikorrenti u lanqas ir-rikorrenti ma qalulha li zewgha kellu jaghtihom xi flus.

Illi r-rikorrent John Baptist Zammit xehed li dak iz-zmien li kien sar in-negozju ma’ l-intimat, mhux veru li l-intimata kienet separata *de facto* minn zewgha jew kienet imsiefra. Hu jghid li meta kien johdilhom il-konsenji, l-intimata kienet tkun prezenti. Hi kienet tkun prezenti wkoll fl-istazzjon tat-televison fejn kienu jxandru t-teleshopping u kienet tirrispondi t-telefon ma’ bintha. Anke fil-hanut li ghandhom in-Naxxar l-intimata kienet tkun hemm meta hu kien itella x-xoghol lill-zewgha. Isostni li hi kienet tkun involuta fix-xoghol kontinwament ghalkemm hu ma kienx jiddilja direttament maghha. Kien raha anke tirranga l-affarijiet kif jidhru fuq it-televison.

Illi dwar l-eccezzjoni li l-intimata kienet imsiefra u separata *de facto* minn zewgha meta sar l-allegat bejgh u kunsinna l-Qorti tiddeciedi li dana ma jirrizultax anzi x-xhieda ta’ l-intimata hija kontradetta miz-zewg rikorrenti li kienu jaraw lill-intimata prezenti kemm waqt it-teleshopping tghin lill-zewgha kif ukoll fl-imhazen ta’ zewgha meta jsiru l-kunsinni u l-pagamenti.

L-eccezzjonijiet l-ohra ta’ l-intimata fis-sustanza jirriducu ruhhom ghall kontestazzjoni li hija qatt ma kienet involuta f’xi negozju mar-rikorrenti u li d-dejn hu a karigu ta’ zewgha.

Illi huwa veru li n-negozju sar mar-ragel ta’ l-intimata izda hi kienet kompartecipi fin-negozju tar-ragel taghha u kienet tiehu hsieb dan in-negozju kemm billi kienet tkun prezenti waqt il-programm tat-television, tirrispondi t-

telefon u tirranga l-oggetti kif ghandhom jidhru fuq it-television. L-intimata kienet ukoll tippercepixxi flus li r-rikorrent Anton Debono kien jghaddi lill zewgha ghall-bzonnijiet tat-tfal taghha, per ezempju ghall-iskola (ara fol. 40). Inoltre hi kienet tkun prezenti meta tigi konsenjata l-merkanzija mir-rikorrent Zammit lill zewgha fil-mahzen.

Kwantu ghar-referenza li saret ghall-artikolu 1324 tal-Kodici Civili li jinvesti l-amministrazzjoni ta' l-atti normali ta' gestjoni ta' kummerc f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dan il-kummerc, il-Qorti tirrileva li dana l-artikolu ma japplikax f'dan il-kaz billi fil-fehma ta' dina l-Qorti n-negozju ma kienx qed jigi ezercitat biss mill-intimat imma mill-intimati bhala konjugi flimkien.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti
Tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta' disa' t'elef hames mija u sbatax il-lira Maltin (Lm9,517) Ewro 22,168.65 flimkien ma' l-imghax legali li ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-kunsinna tal-merkanzija.
Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------